MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 15/2007

**General Workers' Union**

**vs**

**Bank of Valletta plc.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datat 10 ta' Mejju 2007 fejn jirrizulta s-segwenti:-

**1. Riferenza.**

Illi din it-tilwima ta' xoghol kienet riferita mill-General Workers Union lil Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni, Zaghzagh u Xoghol permezz ta' ittra datata 23 ta' April 2005 bis-segwenti termini ta' riferenza; *"li l-Bank of*

*Valletta plc ghandu japplika l-beneficcju tal-Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund b'mod uniformi u mhux b'mod arbitratarju u diskriminatorju u ghalhekk ghandu jhallas tali beneficcji lill-haddiema kollha li kienu jikkontribwixxu fil-Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund"* u din it-tilwima ta' xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni, Zaghzagh, u Xoghol permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2005, riferenza ME 500/2004/98 biex tigi processata skond l-**artikolu 74** ta' **l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.**

*Omissis*

**3. Sfond tal-kwistjoni.**

Illi fl-istqarrija tal-kaz il-General Workers' Union, qalet, illi dawn il-proceduri qeghdin isehhu in segwitu ta' tilwima ta' xoghol bejn it-Taqsima Servizzi u Media tal-General Workers Union u l-kumpanija Bank of Valletta plc dwar l-allegat ghoti ta' beneficcji taht il-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund.* Hija tkompli tghid, illi l-General Workers Union tirrappresenta numru ta' haddiema fil-Bank of Valletta plc. Li kienu gew impjegati mal-Bank of Valletta bejn is-7 ta' Lulju 1976 u s-17 ta' Mejju 1977 u li ghal xi zmien kienu jikkontribwixxu lejn il-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund.* Dan il-fond kien intiz sabiex dawk il-haddiema li jirtiraw ikunu intitolati ghal pensjoni ekwivalenti ghal zewg terzi tas-salarju li jkun applikabbli fiz-zmien tal-irtirar. Sussegwentement, xi zmien qabel id-dhul fis-sehh ta' l-iskema nazzjonali ta' pensjoni, dawn l-impjegati kienu gew avzati li ma kienx mehtieg li jkomplu jikkontribwixxu lejn il-fond, izda l-Bank of Valletta plc. Kompla jikkontribwixxi sakemm l-istess fond gie likwidat fl-1990.

Illi l-General Workers Union tkompli tghid fl-istqarrija ghall-istess kaz taghha, li jirrizultalha li f'numru ta' okkazzjonijiet il-Bank of Valletta plc implimenta beneficcji tal-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund* ma xi impjegati, izda mhux jimplimenta il-beneficcji mal-kumplament tal-haddiema, inkluz impjegati membri

taghha. Il-Bank of Valletta plc. sadanitant qieghed jichad li huwa jhallas xi beneffiċji taht din l-iskema.

Illi l-General Workers' Union tkompli tghid, li hija tal-fehma li l-beneficcji li ghalihom saret riferenza ghandhom ikunu applikati b'mod uniformi u mhux b'mod arbitrarju u diskriminatorju.

Illi l-General Workers' Union tghid ukoll fl-istqarrija tal-kaz taghha, li saru laqghat ta' rikoncilljazzjoni u f'dawn il-laqghat il-Bank of Valletta plc stqarr li ghamel ricerka estensiva fir-rekords tieghu u ddikjara li ma kienx jaf b'kazijiet fejn haddiema kienu inghataw dawn il-beneficcji.

Illi l-General Workers' Union taghlaq l-istqarrija tal-kaz taghha billi talbet lit-Tribunal Industrijali jistharreg il-materja li tat lok ghal din it-tilwima ta' xoghol u jiddikjara li l-Bank of Valletta plc ghandu japplika l-beneficcji tal-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund* b'mod uniformi u mhux b'mod arbitrarju u diskriminatorju u ghalhekk ghandu jhallas tali beneficcji lill-haddiema kollha li jikkontribwixxu fil-fond imsemmi.

Illi l-Bank of Valletta plc. stqarr li f'ittra datata 23 ta' April 2005, il-General Workers' Union ilmentat illi xi haddiema kienu bbenefikaw minn beneficji taht l-iskema tal-pensjoni maghrufa bhala il-*Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund* u hafna haddiema ohrajn ma kienux ibbenefikaw minn din l-iskema. Il-Bank of Valletta plc tkompli tghid, li l-General Workers Union ilmentat illi l-beneficcji ghandhom ikun l-istess ghal kulhadd.

Illi fl-istqarrija tal-kaz, il-Bank of Valletta plc ikompli jghid li huma kienu totalment mistghagba bit-talba tal-General Workers Union ghar-raguni li l-Bank of Valletta plc dejjem u f'kull kaz implimenta l-beneficcji ugwali ghall-impjegati kollha u fuq il-bazi ta' paraguni *between apples and apples,* l-istess Bank of Valletta plc dejjem hadem u mexa b'mod uniformi u ma hax posizzjoni li jikkumenta izjed fuq dan il-kaz peress li t-talbiet tal-General Workers' Union huma manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi.

Illi l-Bank of Valletta plc. itemm l-istqarrija tal-kaz tieghu billi talab li t-Tribunal Industrijali jichad it-talbiet tal-General Workers' Union.

**4. Gabra tal-provi.**

Illi mill-provi jirrizulta li fil-Bank of Valletta plc kien jezisti fond li kien maghruf bhala *"Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund"* liema fond kellu membri haddiema tal-Bank of Valletta plc u li ghalih kienu jikkontribwixxu volontarjament sabiex jibbenefikaw minn beneficcji ghall-pensjoni. Mill-provi jirrizulta wkoll, li dan il-fond ma baqax jopera permezz ta' kuntratt li kien sar quddiem in-Nutar Maurice Gambin fit-8 ta' Dicembru 1983 u sussegwentement kien likwidat.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-beneficcji li ta l-Bank of Valletta plc lil xi haddiema tieghu ma gewx moghtija mill-*"Consolidated Staff and Widows and Orphans Fund"*, peress li dan il-fond hu likwidat u inezistenti, izda dawn il-beneficcji lil dawn l-impjegati gew moghtija mill-fondi tal-Bank of Valletta plc.

**5. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali.**

5.1. Sa mill-bidu tas-smigh tal-kaz, it-Tribunal Industrijali innota li fil-paragrafu 5 tat-talba mibghuta lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Zaghzagh u Xoghol datata 23 ta' April 2005, biex il-kaz odjern jkun riferut lit-Tribunal Industrijali, il-General Workers' Union iddikjarat il-premessa taghha li l-agir tal-Bank of Valletta plc. li jaghti beneficcju tat-*topping up* lil xi impjegati, izda mhux lil ohrajn hu wiehed arbitrarju u diskriminatorju. Aktar l-isfel fl-istess ittra, il-General Workers' Union iddikjarat it-termini ta' riferenza ghas-smigh tal-kaz minn Tribunal Industrijali. F'dawn it-termini ta' riferenza l-General Workers' Union regghet affermat l-istess premessa li ghaliha saret riferenza fl-istess artikolu. M'hemmx ghalfejn jinghad li t-Tribunal Industrijali huwa marbut biex jiddeciedi l-kaz fil-parametri miktuba fit-termini ta' riferenza.

5.2. Aktar tard fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-General Workers' Union irrepetiet kemm il-premessa u kemm il-pretensjonijiet taghha kif jidhru fit-termini ta' riferenza. Minkejja l-premessa ta' diskriminazzjoni u l-mod ta' kif huma mfasslin it-termini ta' riferenza, il-General Workers' Union irreferiet it-talba taghha lil Ministru bhala tilwima ta' xoghol.

5.3. Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali kien mehtieg jiddeciedi jekk it-talba kinitx tilwima tax-xoghol skond il-provedimenti ta' l-**artikolu 2 Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta,** jew kenitx wahda biex jitwaqqaf l-agir allegatament diskriminatorju tal-Bank of Valletta plc. It-Tribunal Industrijali ddecieda li l-ahjar mod biex ikun jista' jiddistingwi bejn naha u ohra kien li jkompli jisma' l-kaz.

5.4. Fit-trattazzjoni miktuba riveduta datata 2 ta' Frar 2007, il-General Workers' Union elenkat il-fatti tal-kaz, ikkwotat estratti tax-xhieda, ghamlet argumenti dwarhom, u wkoll fil-konkluzjonijiet taghha ikkwotat estratt minn Honeyball & Bowers biex issahhah l-argument ewlieni taghha li l-agir tal-Bank of Valletta plc rigwardanti l-kwistjoni odjerna kien wiehed diskriminatorju. Fil-kummenti bil-fomm dwar it-trattazzjoni miktuba riveduta, il-General Workers' Union ghamlet enfazi fuq il-punti saljenti tat-trattazzjoni miktuba, izda ma qajmet ebda argumenti godda.

5.5. Minhabba li ma jirrizultax mill-provi li l-beneficcju tat-*topping up* jifforma parti minn kuntratt ta' impjieg, jew minn ftehim kollettiv, u fid-dawl ta' dak kollu li nghad fil-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4 ta' hawn fuq, it-Tribunal Industrijali ikkonkluda li l-kaz jinkwadra fil-provedimenti ta' l-**artikolu 26 (2) (b)** u mhux fl-**artikolu 2 Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**6. Decizjoni.**

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ddecieda unanimament li dan it-Tribunal Industrijali, kif kostitwiet, hu prekluz milli jiddeciedi dwar il-kaz. B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

Illi t-Tribunal Industrijali kien kompost mis-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., I.P.D. (UK) bhala Chairman, u s-Sur Jimmy Pearsall u s-Sur Anthony DeGiovanni bhala membri.

Illi minn din id-decizjoni sar appell mill-General Workers' Union permezz ta' rikors taghha datat 22 ta' Mejju 2007 (fol. 10) u li ghalih qed isir riferenza fejn wara li sostniet li hija konxja mill-fatt li ghadu dibattut jekk hemmx appell lil din il-Qorti wara l-emendi li ddahhlu fil-ligi industrijali tas-sena 2002, tant li hemm kawza pendenti fl-ismijiet "R.J.C. Caterers Limited vs General Workers Union" (Rikors Nru. 1022/2006 AF) quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li tinsab differita fuq il-punt preliminari jekk jezistix tali dritt ta' appell, hija xorta wahda ghamlet dan l-appell sabiex bl-ebda mod ma tigi pregudikata, indikat bhala l-aggravji taghha li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija nulla u bla effett u dan peress li sostniet li l-istess sentenza ma osservatx il-principji ta' gustizzja naturali (a) ghaliex ma dahlitx fl-elementi saljenti ta' fatt u ta' dritt li jkunu gew ippruvati u trattati mill-kontendenti b'mod li l-istess sentenza ghandha taghti r-ragunijiet li fuqha bbazat d-decizjoni taghha (**artikolu 218 tal-Kap 12)** u li d-dikjarazzjoni tal-Qorti li hija deciziva u obbligatorja tigi mdahhla fid-dispozittiv tas-sentenza (**artikolu 219 tal-Kap 12)** (A.C. **"Anthony Scerri et vs Anthony Cutajar et"** A.C. 6 ta' Marzu 2005). F'dan il-kaz l-Union appellanti ssotni li d-decizjoni tal-istess Tribunal hija bla motivazzjoni; jinghad ukoll li fil-fatt l-istess paragrafi 5.1. sa 5.5 bl-ebda mod ma jista' jinghad ghaliex it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li ma jaghtix decizjoni dwar il-mertu tal-vertenza, tant li jinghad li l-paragrafu 5.5 huwa wiehed konfuz, minghajr analazi ta' xejn u minghajr spjegazzjoni. Jinghad li d-decizjoni mhux biss trid tkun motivata izda wkoll adegwata **"Charmaine Camilleri vs Eugenio sive Gino Abdilla"** – 12 ta' Jannar 2005); (b) sar ezami zbaljat tal-ligi ghaliex jidher li l-kaz kien wiehed ta' diskriminazzjoni u ghalhekk kellu jigi deciz minn Chairman wahdu mentri f'dan il-kaz it-Tribunal kien kompost minn Chairman u zewg membri – jinghad ukoll li ghalkemm l-**artikolu 26 (2) (b)** jiddefinixxi x'inhi

diskriminazzjoni, izda dan ma jfissirx li tilwima tax-xoghol ma tistax tikkoncerna kaz ta’ diskriminazzjoni u b’hekk il-kaz jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2 tal-Kap 452** li jiddefinixxi x’inhi “tilwima tax-xoghol”. Kull ma ghamel l-**artikolu 26 (2)** huwa biss li ta lil individwu rimedju iehor sabiex jekk huwa jigi diskriminat huwa ghandu access ghat-Tribunal Industrijali minghajr ma jissieheb fi Trade Union u minghajr htiega ta’ tilwima tax-xoghol. B’hekk jidher li l-kaz beda bhala tilwima tax-xoghol u spicca f’kaz ta’ diskriminazzjoni u b’hekk it-Tribunal applika l-**artikolu 30 (3)** meta dan ma kienx applikabbli ghall-kaz in ezami u b’hekk qed jinghad li t-Tribunal kien kompost korrettement u ghalhekk setgha jaghti decizjoni dwar il-mertu.

Illi min-naha l-ohra r-risposta tal-Bank of Valletta plc appellat hija fis-sens li dan l-appell huwa inamessibbli peress li ma jaqax taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452;** u d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija ben motivata u dan ghaliex l-istess Tribunal sostna li l-kaz kien jirrigwarda wiehed ta’ allegata diskriminazzjoni u ma kienx wiehed ta’ tilwima tax-xoghol u allura huwa kif kompost ma setghax jiddeciedi l-kaz quddiemu ghaliex ma kenitx kompetenza tieghu; dwar it-tieni aggravju jinghad li dan kien kaz ta’ diskriminazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 26 (2)** li ghandu jinqara flimkien mal-**artikoli 30 u 75 tal-Kap 452** li jipprefidi li tali kaz ghandu jingieb fi zmien 4 xhur mill-allegat kaz ta’ diskriminazzjoni u jista’ jingieb b’talba bil-miktub mill-haddiem stess jew persuna li tidher ghalih u l-**artikolu 73 (4)** jaghti kompetenza li jisma’ tali ilment lit-Tribunal Industrijali kompost minn *Chairperson* biss li ghandu jkun avukat ta’ esperjenza ghall-inqas ta’ seba’ snin. B’hekk it-Tribunal kien korrett li jiddeciedi li l-kaz ta’ diskriminazzjoni kellu jigi deciz minn Tribunal hekk kompost.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li astjeniet milli tisma’ il-kaz ghar-ragunijiet indikati fil-provediment tal-31 ta’ Ottubru 2007.

Rat li l-istess appell gie appuntat ghas-smigh quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta ghat-28 ta' Frar 2008 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz u l-istess appell thalla ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appell odjern interpost mill-General Workers' Union huwa sussegwenti ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali Nru 1785 moghtija fl-10 ta' Mejju 2007.

Illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol kien irrefera t-Tilwima Industrijali bejn il-partijiet lit-Tribunal Industrijali. It-termini ta' riferenza f'din l-ittra kienu *"li l-Bank of Valletta plc ghandu japplika l-beneficcji tal-Consolidated Staff and Widows and Orphans Pensions Fund b'mod uniformi u mhux b'mod arbitrarju u diskriminatorju u ghalhekk ghandu jhallas tali beneficcji lill-haddiema kollha li kienu jikkontribwixxu fil-Consolidated Staff and Widows and Orphans Pensions Fund."*

Illi l-partijiet ressqu l-provi taghhom minn fejn, fil-qosor, irrizulta li dan il-fond kien intiz sabiex dawk il-haddiema li jirtiraw ikunu ntitolati ghal pensjoni ekwivalenti ghal zewg terzi tas-salarju li jkun applikabbli fiz-zmien ta' l-irtirar. Xi zmien qabel id-dhul fis-sehh ta' l-iskema nazzjonali ta' pensjoni l-impjegati li kienu jikkontribwixxu kienu gew avzati li ma kienx mehtieg aktar li jikkontribwixxu lejn il-*fund* u dawn gew moghtija lura l-ammont kollu li kienu kkontribwew fil-fond.

Illi fil-fatt irrizulta li dan il-*fund* kien gie likwidat permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Dicembru 1983. Irrizulta wkoll li kien hemm tlett impjegati li nghataw xi beneficcju (simili ghal li kien jipprovdi l-*fund)* izda dan il-beneficcju ma nghatax mill-imsemmi *fund* peress li dan il-*fund* huwa likwidat u

inezistenti, izda dawn il-beneficcji lil dawn l-impjegati gew moghtija mill-fondi tal-Bank of Valletta plc.

Illi t-Tribunal ta d-decizjoni tieghu fejn ikkonkluda li huwa prekluz milli jiddeciedi dwar il-kaz peress li effettivament sostna li dan ma kienx kaz ta' tilwima tax-xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2 tal-Kap 452,** izda kien kaz ta' allegata diskriminazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 26 (2)** li skond l-**artikolu 30 (3)** kellu jigi mismugh mit-Tribunal Industrijali kif kompost minn *Chairman* wiehed u mhux minn tlett membri kif kien attwalment kompost, b'dan li allura iddecieda li kif kien kompost ma setax jisma' l-kaz in ezami.

Illi l-General Workers' Union interponiet l-appell odjern fejn ressqet zewg aggravji (1) illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali hija wahda nulla u bla effett *stante* li hija skarna minn kull motivazzjoni; (2) it-Tribunal Industrijali ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi li titratta l-kompetenza u l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali.

Illi fir-risposta tieghu l-appellat il-Bank of Valletta plc eccepixxa (1) preliminarjament li l-appell odjern huwa inammissibbli *stante* li ma jaqax fl-ambitu tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452;** (2) fil-mertu, d-decizjoni hija ampjament motivata, valida u konformi mad-dizpozizzjonijiet relevanti tal-Kap 12; (3) fil-mertu, it-Tribunal interpreta l-ligi b'mod korrett.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok din il-Qorti trid titratta l-eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta' appellat Bank of Valletta plc u cioe' li l-appell huwa inammissibbli peress li ma jaqax fl-ambitu tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452**. Dan l-artikolu jipprovdi :-

*(3) Fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta u fil-kazi li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal skond l-artikolu 75 (1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' ligi. Dan l-appell ghandu jsir b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell kkostitwita skond l-artikolu 41 (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan ir-rikors ghandu jigi prezentat mhux*

*aktar tard minn tnax-il gurnata mid-data tad-decizjoni tat-Tribunal"*

Illi din hija l-uniku dispozizzjoni f'dan l-Att li tipprovdi dwar dritt ta' appell minn decizjoni tat-tribunal ghal quddiem din il-Qorti. Skond l-**artikolu 73 (4) tal-Att** *"Fil-kazi kollha koperti bl-artikolu 75, it-Tribunal ikun maghmul mic-Chairperson wahdu, izda f'dawk il-kazi koperti bl-artikolu 75 (1) (b) ic-Chairperson ghandu jkun wiehed mill-membri mahtura skond is-subartikolu (2)(a)".*

Illi l-**artikolu 75 (1)** jipprovdi li:-

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni esklusiva li jikkonsidra u jiddeciedi:-*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta;*

*(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-att jew tar-regolamenti preskritti tahtu".*

Illi taht **Titolu I tal-Kap 452** l-unika kazijiet li jistghu jigu riferiti lit-Tribunal Industrijali huma dawk dwar allegat trattament diskriminatorju, xoghol ta' valur ugwali, vittimizzazzjoni, ghoti ta' fasitidju li jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikoli **26 sa 28 tal-Kap 452** u tali riferenza quddiem l-istess Tribunal hija mahsuba fl-**artikolu 30** li jipprovdi li:-

*"(1) Persuna li tallega li l-principal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi zmien erba' xhur mill-ksur allegat, tipprezenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali ghandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xieraq".*

Illi f'dan il-kaz abbazi tal-**artikolu 30 (3)** tali Tribunal ikun kompost minn *Chairperson* wahdu skond kif indikat fl-**artikolu 73 (4)**.

Illi f'kaz ta' tilwim tax-xoghol ir-riferenza ghat-Tribunal Industrijali ssir abbazi tal-**artikolu 74** u ghalhekk taht id-disposizzjonijiet tat-Titlu II tal-istess Att u ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-Att jikkontempla biss id-dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali fic-cirkostanzi s-segwenti:-

(1) F'kazijiet ta' tkeccija ingusta, kemm meta t-Tribunal ikun kompost minn *Chairperson* wahdu, kif ukoll meta jkun kompost minn *Chairperson* flimkien ma' zewg membri ohra;

**(2)** F'kazijiet fejn it-Tribunal ikun kompost minn *Chairperson* wahdu cioe' fil-kazi li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal skond l-**artikolu 75 (1) (a) u (b).**

Illi ghalhekk johrog car li l-Att jikkontempla fuq kazijiet ta' tilwima tax-xoghol quddiem Tribunal Industrijali kompost minn tlett membri skond kif provdut fl-**artikolu 73 (3) tal-Kap 452** ma hemm l-ebda dritt ta' appell u ghalhekk la darba l-kompetenza ta' din il-Qorti ghall-appelli mit-Tribunal Industrijali hija limitatata b'dak li jipprovdi l-**Kap 452**, allura din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza li tisma' dan l-appell taht l-istess **Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**, *stante* li l-kompetenza ta' din il-Qorti bhala Qorti tat-tieni istanza hija cirkoskritta bid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3)** li jaghti dritt ta' appell fuq punti ta' ligi biss fil-kazijiet ta' tkeccija minghajr kawza gusta u fil-kazi li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal skond l-**artikolu 75 (1) (a) u (b)** fuq citat u ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Bank appellat u tichad l-appell tal-Union appellanti *stante* li huwa inamessibbli *ai termini* tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452.**

Illi ovvjament jista' jkun hemm rimedji ohra miftuha lis-socjeta' appellanti pero' dawn ma johorgux mill-**Kap 452** li taghti gurisdizzjoni limitatat kif fuq spjegat lil din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell skond l-**artikolu 82 (3)** tal-istess izda mill-principji generali tal-ligi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan anke *in vista* ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 469 A tal-Kap 12** u fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li dan

jista' jsir fl-ambitu dejjem ta' *judicial review* u dan permezz ta' kawza *ad hoc* sabiex jigi mistharreg jekk l-istess Tribunal Industrijali agixxiex (a) in eccess ta' gurisdizzjoni; (b) non osservanza ta' l-istess ligi kostitwita; (c) non osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja (**"Coreschi Limited vs Maria Coreschi"** – P.A. (GV) – 30 ta' Mejju 2001); **"Cyberton Ltd vs Joseph Felice"** (PA (NC) – 1 ta' April 2003 ismijiet **"Salvino Borg D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et"** – A. C. 13 ta' Gunju 2005) u **"Raymond Fenech noe vs Victor Fiorentino" –** PA (GCD) – 20 ta' Marzu 2003) **"Maltapost plc (C 22796) vs Matthew Camilleri"** (PA (RCP) - 31 ta' Jannar 2007) u **"Christopher Carabott vs Vivian Corporation Limited"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Mejju 2007).

Illi ricentement fis-sentenza **"R.J.C. Caterers Limited (C 10552) vs General Workers' Union et"** (P.A. (AF) - 9 ta' Ottubru 2007) inghad ukoll dan id-dritt jezisti anke meta l-istess Ligi tipprovdi ghall-mezzi ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell tant li gie ritenut li:-

*"Il-Qorti ikkunsidrat illi huwa minnu li l-Art. 82 (3) jipprovdi ghal dritt ta' appell f'kaz ta' tkeccija ngusta u f'kazijiet li jaqghu taht l-art.75 (1)(a) u (b) tal-istess Kap. Issa dan l-art.75 (1) (a) u (b) jipprovdi ghal gurisdizzjoni tal-istess Tribunal f'kazijiet ta' tkeccija ingusta u kazijiet taht l-ewwel Titolu tal-istess Att".*

*"Il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt limitat ta' appell li tipprovdi l-ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ma jipprekludi bl-ebda mod id-dritt ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-istess Tribunal f'materja ta' gustizzja naturali."*

Illi din il-Qorti thoss li la darba huwa l-kaz li ma hemm ebda dritt ta' appell f'dan il-kaz quddiem din il-Qorti tal-Appell, l-aggravju ta' l-allegat nuqqas motivar tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali jista' biss jigi ezaminat mhux minn din il-Qorti izda fil-kuntest stharrig gudizzjarju (**"Charmaine Camilleri vs Eugenio Abdilla et"** (A.I.C (P.S) – 12 ta' Jannar 2005). L-istess jista' jinghad ghat-tieni aggravju in kwantu dan jista' jaqa' fil-kuncett ta'

allegazzjoni li t-Tribunal agixxa *ultra vires* jew id-decizjoni tmur kontra l-ligi miktuba **(“Universita’ ta’ Malta vs Carmen sive Bella Hili”** – P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003). Izda dan kollu jirrigwarda natura ta’ kawza li ma hijiex dik odjerna u ghalhekk la darba din il-Qorti thoss li l-Ligi fil-kaz in ezami ma taghti l-ebda dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti, ma hemm ebda triq ohra hlief li kif inghad din il-Qorti fil-kompetenza taghha attwali taht l-**Kap 452** tieqaf hawn u tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-Bank appellat u tichad l-appell tal-Union appellanti *stante* li huwa inamissibbli *ai termini* tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari fir-risposta tal-appellat Bank of Valletta plc fis-sens li dan l-appell huwa inammissibbli** peress li l-**artikolu 82 (3) tal-Kap 452** ma jipprovdix ghall-appell f’dan il-kaz **u ghalhekk tichad l-appell interpost mill-General Workers’ Union.**

Bl-ispejjez kontra l-Union appellanti General Workers’ Union.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------